2026/1833

22.7.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2026/1833

tal-14 ta' Lulju 2026

li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni Konsultattiva tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUAM RCA) (EUAM RCA/1/2026)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/2110 tad-9 ta' Diċembru 2019 dwar il-Missjoni Konsultattiva tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUAM RCA) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(1) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 8(1) tad-Deċiżjoni (PESK) 2019/2110, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tat-Trattat, li jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti bl-għan li jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Missjoni Konsultattiva tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUAM RCA), inkluż id-deċiżjoni tal-ħatra ta' Kap tal-Missjoni, fuq proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli").

(2) Fis-27 ta' Awwissu 2025, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2025/1773 ([2]), li taħtar lis-Sa Gail VAN HOEVER bħala Kap tal-Missjoni tal-EUAM RCA mill-15 ta' Settembru 2025 sas-7 ta' Awwissu 2026.

(3) Fit-30 ta' Ġunju 2026, ir-Rappreżentant Għoli pproponiet li l-mandat tas-Sa Gail VAN HOEVER bħala l-Kap tal-Missjoni EUAM RCA jiġi estiż mit-8 ta' Awwissu 2026 sas-7 ta' Novembru 2026, soġġett għall-adozzjoni ta' deċiżjoni mill-Kunsill li testendi l-mandat tal-EUAM RCA lil hinn mis-7 ta' Awwissu 2026.

(4) Għalhekk jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar il-ħatra tas-Sa Gail VAN HOEVER bħala Kap tal-Missjoni ta' EUAM RCA mit-8 ta' Awwissu 2026 sas-7 ta' Novembru 2026,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-mandat tas-Sa Gail VAN HOEVER bħala Kap tal-Missjoni Konsultattiva tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUAM RCA) huwa estiż mit-8 ta' Awwissu 2026 sas-7 ta' Novembru 2026.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika soġġett għall-adozzjoni ta' deċiżjoni mill-Kunsill li testendi l-mandat ta' EUAM RCA lil hinn mis-7 ta' Awwissu 2026.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Lulju 2026.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

L. MANDEL VENSILD

([1]) ĠU L 318, 10.12.2019, p. 141, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2019/2110/oj.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2025/1773 tas-27 ta' Awwissu 2025 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni Konsultattiva tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUAM RCA) (EUAM RCA/1/2025) (ĠU L, 2025/1773, 2.9.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/1773/oj).